MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2008

Avviz Numru. 140/2008

**Bank of Valletta plc**

**Vs**

**Alfred Ali Mouldi**

## Il-Qorti:-

Rat illi is-socjeta rikorrenti pprezentat rikors fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-sbatax (17) ta' Marzu 2008 permezz ta' liema l-kumpanija rikorrenti talbet lil Qorti tikkundanna lill-konvenut jhallasha s-somma ta' hamest elef, hames mija u tlett Ewro u disgha u tmenin centezmu (€5,503.89) ekwivalenti ghall-elfejn tlett, mija u tnejn u sittin liri Maltin u tnejn u tmenin centezmu (LM2,362.82) bilanc ghad-debitu fil-*Loan Account* tieghu mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. A 1 sa Dok. A 4) flimkien ma l-imghax ulterjuri mis-sitta (6) ta' Marzu 2008 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficcjali datata tlieta w ghoxrin (23) ta' Jannar 2008 li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok. B u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut kien debitament notifikat bl-avviz in kwistjoni nhar l-ghoxrin (20) ta' Gunju 2006 gewwa l-Ghassa tal-Pulizija il-Belt Valletta, skond ir-riferti tal-Marixxal Ivan Spiteri Bianchi esebit a fol. tergo 19, gewwa il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta fl-istess jum tal-ghoxrin (20) ta' Gunju 2008, skond riferta wkoll tal-Marixxal Ivan Spiteri Bianchi a fol. tergo 19 tal-atti u fl-indirizz moghti fl-avviz u cioe 14, Flat 5, Triq San Nikola, il-Belt Valletta, ukoll skond riferta tal-istess Marixxal Ivan Spiteri Bianchi a fol. tergo 19.

Rat ukoll illi l-konvenut gie notifikat permezz ta' pubblikazzjoni li saret f'zewg gazzetti lokali u cioe il-harga tat-*Torca* datata tletin (30) ta' Gunju 2008, Dok. A fol. 22 u f' *The Malta Independent* datat sebgha w ghoxrin (27) ta' Gunju 2008, Dok. B a fol 23.

Rat illi fis-seduta tad-disgha (9) ta' Lulju 2008 l-konvenut gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi 'n subizzjoni. Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat id-dokumenti esebiti mis-socjeta attrici ssib li t-talba taghha tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici is-somma ta' hamest elef, hames mija u tlett Euro u disgha u tmenin euro centezmi (€5,503.89) ekwivalenti ghall-elfejn, tlett mija u tnejn u sittin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu (LM2,362.82) [ghar-ragunijiet indikati fl-avviz], bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjes kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------